25 ta' Lulju 2016
59/2016

# 650 ŻAGĦŻUGĦ U ŻAGĦŻUGĦA MINN MALTA JIPPARTEĊIPAW FIL-JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

'Il fuq minn 650 żagħżugħ u żagħżugħa minn Malta, ġejjin minn 23 għaqda reliġjuża differenti u minn diversi parroċċi, jinsabu l-Polonja għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ (JDŻ). L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni Maltija qed tiġi kkordinata miż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika (ŻAK), li ħejjew ukoll il-verżjoni Maltija tal-kanzunetta uffiċjali tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, 'Ħenjin li jħennu'. Youtube link: https://youtu.be/_y5MQf6HKOg.

Mal-wasla tagħhom fil-Polonja, iż-żgħażagħ Maltin ġew milqugħa f'diversi parroċċi qrib Krakovja, u matul din il-ġimgħa ser jattendu għall-attivitajiet prinċipali tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, fosthom is-sessjonijiet ta' katekeżi u l-laqgħat mal-Papa Franġisku fi Krakovja bejn l-Erbgħa u l-Ħadd li ġej.

Qabel ħallew Malta biex jibdew il-pellegrinaġġ tagħhom, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ltaqa' maż-żgħażagħ f'żewġ laqgħat organizzati miż-ŻAK u mill-Mixja Neokatekumenali. Fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù, fil-Mosta, l-Arċisqof ħeġġeġ liż-żgħażagħ biex iħallu lil Ġesù jkellimhom permezz ta' din l-esperjenza straordinarja, li qal tista' tħalli l-frott fil-qalb ta' kull persuna u fejn wieħed jista' jkollu wkoll esperjenza sabiħa ta' rikonċiljazzjoni. F'laqgħa oħra maż-żgħażagħ mill-Mixja Neokatekumenali, l-Arċisqof ħeġġiġhom biex matul l-esperjenza tal-Jum Dinja taż-Żgħażagħ, jagħrfu iżjed x'irid Alla minnhom, u wara din l-esperjenza jkunu 'appostli ta' Kristu' f'Malta jew fejn Alla jixtieq jeħodhom.

L-attivitajiet prinċipali tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ ser jibdew għada, it-Tlieta 26 ta' Lulju, u jintemmu l-Ħadd 31 ta' Lulju 2016 b'Quddiesa ċċelebrata mill-Papa Franġisku. Aktar minn żewġ miljun pellegrin mistennija jattendu għal din iċ-ċelebrazzjoni.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**